MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Numru. 1423/2011

PULIZIJA
SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA
VS
BRADEN GRIXTI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Braden Grixti, ta' 18 –il sena, mwieled il-Pieta, fil-26 ta'Frar 1993 bin, Vincenza nee Grixti nee' Grixti, residenti gewwa 13, Flat 3, Triq it-Turgien, Valletta u detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 104393(M)

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ Dicembru 2011, matul il-lejl, f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ minn gewwa l-fond Marrocaine, Triq San Albert, Gzira, ikkommetta serq ta’diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €2330, u li sehh ghad-detriment ta’Vanessa Agius u / jew ta’ persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrenda ruhu komplici fir-reat hawn fuq imsemmi, billi xjentament ghen jew assista, lil awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati, u dan ai termini ta’l-Artikolu 42 (c) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9;

3. U aktar talli nhar l-24 ta’Dicembru 2011, u fil-granet ta’qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentatment, laqgha ghandu jew xtara hwejjef ,misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reati, jew xjentament, b’kull mod li jkun, indahal jew ibieghom jew immexxihom;

4. U aktar talli nhar il-25 ta’Dicembru 2011 stieden ghall-glied lill-diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, u dan ai termini tal-Artikolu 339(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

5. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

6. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U kif ukoll talli kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta’Malta nhar it-25 t’Awissu 2011;

8. U finalment nakkuzah ukoll talli sar recediv ai termini ta’l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mill-Qrati ta’Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti hija giet mitluba sabiex, f’kaz ta’htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’protezzjoni ai termini ta’l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Vanessa Agius u residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammisjoni tieghu, il-Qorti issib l-imputat, Braden Grixti hati skond l-akkuza , ghajr ghat-tielet akkuza li hija sussidjarja ghall-akkuza ta’ serq , u b’assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261,263, 264, 267, 269, 268, 270, 279(b), 280 (2), 339 (1) (a), 338(dd), 95 tal –Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 7, 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta ‘ Probation

ghall-perjodu ta’ tlett snin (3), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Di piu tqieghed lill-imputat taht *Non Residential Treatment Order* ghall-reabilitazzjoni tieghu mid-dependenza fuq drogi, fl-istituzzjoni tas-Sedqa  ghall-perjodu ta’ sentejn (2), sabiex l-imputat jattendi l-gruppi.

In oltre din l-Qorti, ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht garanzija ta’ mitejn tlieta u tletin ewro (€233) ghal sena, bil-kundizzjoni li ma jimmolestax ix-xhieda principali Vanessa Agius u Kevin Chircop.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, l-eta’ tieghu, il-fedina penali u cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------